MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-21 ta' Frar, 2007

Avviz Numru. 363/2006

**Emanuel Ciappara (ID Card 646736M)**

**vs**

**John Mary sive Jimmy Cardona**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fl-20 ta' Novembru 2006 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lilll-konvenut illi jhallas lill-attur is-somma bilancjali ta' elfejn, tliet mija u ghoxrin lira Maltin (Lm2,320) minn somma akbar, self maghmul, u bl-imghaxijiet mid-data tas-self.

Bl-imghaxijiet ulterjuri u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru 3019/2006 tas-7 ta' Novembru 2006, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal ta' llum stess, debitament iffirmat mill-partijiet.

Fuq l-iskorta ta' dan il-verbal;

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attur u tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta’ tlett elef lira Maltin (Lm3,000), pagabbli b’rati mensili ta’ mija u ghaxar liri Maltin (Lm110).

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------